# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT
## DR Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2001**

Avviz numru 79/00

Gorgina mart Joseph Xuereb, Joseph Vella, Eucharistica mart Dolindo Farrugia, Adelina armla Sultana f'isimha u f'isem huha Joseph Galea, imsiefer u Antoinette xebba Galea

-vs-

Mario Apap

Il-Qorti;

Rat l-avviz pprezentat fit-13 ta' Ottubru 2000 fejn l-atturi talbu li prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi l-konvenut ma jgawdi ebda dritt fuq il-fond numru 12, Triq il-Karmnu, Victoria, Ghawdex u qieghed jokkupa dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi, jigi kkundannat illi jizgombra minn dan il-fond fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilu ffissat.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 2000 kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ingunt. Ghall-finijiet tal-kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju ta' dan il-fond ma jeccedix il-hames mitt lira Maltija (Lm500) fis-sena.

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi minhabba t-telf ta' uzu ta' dan il-fond.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament l-atturi jridu jipprovaw it-titolu taghhom fuq il-proprjeta' u quindi l-interess guridiku li jippromwovu din l-azzjoni.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess huwa jinsab protett fil-kiri li kien hemm korrenti favur il-mejjet Francis Grech a tenur tal-ligi.

Salvi eccezzjoni ulterjuri.

Rat ir-riferta posittiva tal-konvenut b'dan l-avviz, liema riferta ggib id-data tas-26 ta' Ottubru 2000.

Rat il-verbali u l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-kapitoli tas-subizzjoni pprezentati fil-konfront tal-konvenut fl-udjenza tad-9 ta' Marzu 2001, approvati fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2001. L-istess konvenut naqas li jattendi ghas-smiegh ta' din il-kawza.

Il-Qorti;

Ghalhekk tqis il-kapitoli ammessi u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Mario Apap sabiex jizgombra mill-fond numru 12, Triq il-Karmnu, Victoria, Ghawdex fi zmien tliet xhur mil-lum u dana peress illi ma jgawdi l-ebda dritt fuq dan il-fond.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 2000 kontra l-istess konvenut

(ft.) A.M. Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D//Registratur